**27 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. V.R. Sammut B.A., LL.D.**

Paul Tabone

*versus*

Edward Cesareo

**Kwalità patwita — Prova — orali — "Tale quale" — Vizzju okkult — Azzjoni Redhibitoria — Terminu — Art. 1481 Kodiċi Ċivili.**

*Il-prova orali kontra l-miktub tista' ssir biss f'ċirkostanzi speċjali ammessi fil-ġurisprudenza.*

*Jekk il-kumpratur ma jkunx iddeduċa permezz ta' azzjoni l-"azzjoni redhibitorja" jew l-"actio aestimatoria" fit-terminu stabbilit fl-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili, allura hu ma jistax jallega l-vizzju okkult permezz ta' eċċezzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni, premess illi l-attur biegħ u kkonsenja lill-konvenut diversi oġġetti mobili u għamara b'kuntratt tan-Nutar Maurice Gambin tal-25 ta' Marzu, 1964, bil-prezz ta' mija u ħamsa u ħamsin lira u premess illi l-konvenut ħallas mija u tletin lira u għalhekk għadu debitur ta' l-attur fil-bilanċ ta' tletin lira (£30-0-0); talab illi l-konvenut jiġi kkundannat minn dina l-Qorti li jħallas lill-attur il-bilanċ ta' tletin lira (£30-0-0) prezz ta' effetti mobili lilu mibjugħa u kkonsenjati bil-preċitat kuntratt — bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut;

OMISSIS;

Tikkonsidra:

Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu il-konvenut jissottometti illi ma għandux iħallas is-somma kollha mitluba minħabba li l-geyser fih difetti moħbija u ma huwiex tal-kwalità mwiegħda mill-attur;

Illi fil-kuntratt ma hemm xejn illi minnu wieħed jista' jindući xi ftehim dwar il-kwalità ta' l-oġġetti mibjugħa;

Illi anke jekk qabel ma sar il-kuntratt issemma il-valur tal-geyser da parti ta' l-attur (li skond ix-xhieda tiegħu kien jużah sa meta ittrasferixxa kollox lill-konvenut) dan ma jikkostitwix kondizzjoni ta' trasferiment ta' geyser ta' ċertu valur. Infatti, il-ftehim finali u konklusiv kien dak inkorporat fil-kuntratt, fejn ġie miftiehem prezz globali għall-diversi oġġetti mibjugħin in massa, u fejn ma ġiet imwiegħda ebda kwalità dwar l-oġġetti;

Illi, huwa l-kuntratt li jħoll u jorbot, u ma huwiex il-każ li wieħed jiddipartixxi mill-massima "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur", għaliex il-ftehim tal-kuntratt huwa ċar u ma huwiex il-każ illi dak il-kuntratt qiegħed jiġi mpunjat jew illi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi ammessi fil-ġurisprudenza tagħna biex tista' ssir il-prova orali kontra l-miktub (Ara. Kollez. Vol. XXXIX, i, 221; Vol. XXIX, i, 382; Vol. XXXVI, i, 119).

Tikkunsidra:

Illi għalkemm jeżistu xi sentenzi tal-Qrati tagħna jgħidu illi l-klawsola "tale quale" ma teżonorax mir-responsabilità għal vizzji okkulti, fost oħrajn kuntrarji (Ara Kollez. Vol. XV,

p. 316; Vol. XX, i, 273; Vol. X, p. 472) din il-Qorti ma tidħrilhiex li għandha tagħmel indaġini dwar l-eżistenza o meno tal-vizzju allegat, għaliex skond il-ġurisprudenza tagħna, jekk il-kompratur ma jkunx jiddeduċja, permezz ta' l-azzjoni l-"actio redhibitoria" jew l-"actio aestimatoria" fit-termini tal-artikolu *1481 Kodiċi Ċivili (già Art. 1145, Ord. VII* tal-1868) allura ma jistax jallega l-vizzju permezz ta' eċċezzjoni. Hekk ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Cumbo noe, vs. Paceo, Vol. XVII, iii, 79** fejn il-Qorti osservat: "decorso infruttuosamente questo termine, il compratore non può opporre il vizio occulto per via di eccezione al venditore che reclama il prezzo della cosa, senza che valga in contrario la massima "temporalia ad agendum sunt perpetua ad excipiendum" che presuppone in chi deve agire entro una termine la mancanza d'interesse ad assumere la parte di attore". Fl-istess sens ġie deċiż fil-kawża: **Charles Darmanin vs. Luigi Spiteri Debono, pro et noe., Kollez. Vol. XXVII, ii, 534;**

Illi huwa ċar illi t-termini ta' xahar ilu li għalaq minn mindu f'*Mejju, 1964, il-konvenut ikkunsidra l-geyser* difettuż;

Għaldaqstant tirrespinġi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tirrespinġi *l-eċċezzjonijiet tal-konvenut* u billi tilqa' t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.